**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR ELAINE RIZZO LL.D**

**Kaz Nru.: 3932/24**

**IL-PULIZIJA**

**kontra**

**PATRICK CASSAR**
**(I.D. No. 0499279(M))**

**Illum, it-22 ta' Mejju 2024**

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, **Patrick Cassar** ta' 44 sena, iben Mary xebba Cassar, imwieled nhar is- 7 ta' Awwissu 1979 ġewwa il-Pieta', detentur tal- karta tal- identita' bin-numru 0499279M u residenti ġewwa Yucca Court, Flat 15, Triq Carmelo De Luca, Qawra akkuzat talli matul il-perjodu ta bejn l-1 ta' Mejju 2024 u nhar l- 20 ta' Mejju 2024, f' dawn il-Gzejjer:

1) Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr Natasha Galea Sciberras LLD nhar il- 2 ta' Dicembru 2020 meta ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt depożitu u garanzija personali li jammontaw ghal 8,000 Euro

Il-Qorti ġiet mitluba li f'kaz ta' ħtija tqis lill-imputat bħala li sar reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti finalment ġiet ukoll mitluba tirrevoka is-sommom msemmija fl-obligazzjoni tal-garanziji liema sommom totali għandhom jigi mgħoddija

favur il-Gvern ta' Malta kif ukoll tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Patrick Cassar u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat fejn b' digriet hawn fuq imsemmi, kien ingħata l-ħelsien mill-arrest, kif stipulat fl-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

Rat l-ammissjoni tal-imputat, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata wara li din il-Qorti spjegat il-konsegwenzi tal-istess ammissjoni, wara li tatu zmien sabiex jirtira l-istess u dana wara li jerġa' jirrikonsidra l-istess ammissjoni u jerġgħa jikkonsulta mal-avukat;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat, l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu ġew ippruvati sal-grad rikjest mil-liġi;

Illi ai fini ta' piena dina l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tal-imputazzjonijiet li tagħhom l-imputat ser jinsab ħati u l-fedina penali tal-istess imputat. Qieset li n-natura tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest kien wieħed *de minimis* ġaladarba kien jikkonsisti biss f'nuqqas t'iffirmar f'għassa tal-pulizija f'erba' okkazzjonijiet. Dan ovvajment qed jingħad mingħajr ma din il-Qorti tnaqqas xejn mill-importanza li l-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest jiġu osservati b'mod rigoruż. Qieset ukoll l-ammissjoni bikrija tal-imputat fejn huwa irreġistra ammissjoni fl-iktar stadju bikri tal-proceduri odjerni kif ukoll dak sottomess bi qbil bejn il-partijiet rigward il-problema tad-droga li l-imputat jinsab afflit biha.

Finalment isir referenza għas-sottomissjonijiet tal-abbli difensur permezz ta' liema intalab li din il-Qorti tuża d-diskrezzjoni tagħha sabiex ma tordnax il-konfiska tal-garanzija għall-ħelsien mill-arrest u dan minħabba s-sitwazzjoni finanzjara tal-familja tal-imputat tenut kont anke li preżentament huwa jinsab mingħajr impjieg. F'dan ir-rigward din il-Qorti tirrileva illi din il-Qorti ma għandhiex diskrezzjoni dwar jekk għandhiex tordna l-konfiska tal-garanzija jew xort'oħra stante li l-liġi tobbliga b'mod tassattiv lil Qorti li f'dawn iċ-ċirkostanzi ikun hemm il-konfiska tal-garanzija. L-unika diskrezzjoni li l-liġi tipprospetta f'dawn iċ -ċirkostanzi huwa l-quantum li għandu jiġi kkonfiskat. B'hekk tenut kont in-natura tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonfiska parti biss mid-depożitu pprestat bħala garanzija għall-ħelsien mill-arrest.

**Decide:**

Għal dawn il-mottivi, wara li rat l-artikoli 49, 50 u 579(2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, qed issib lil qua imputat, Patrick Cassar, ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentament qed tikkundannah għal piena ta' multa ta' ħames mitt Ewro li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Ewro (Eur. 50) fix-xahar. F'każ li l-ħlas ikun ħa jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar millum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti qed tpoġġi lil ħati, Patrick Cassar taħt Ordni ta' Trattament għal perjodu ta' sena millum u tordna li l-ħati jingħata trattament sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga;

In oltre a tenur tas-subartikoli 579(2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali, qed tordna l-konfiska ta' mitt Ewro (Eur. 100) rappreżentanti parti mid-depożitu ppreżentat bħala garanzija għall-osservanza tad-Digriet tal-Ħelsien mill-Arrest mgħoti mill-Qorti tal-Maġistrati nhar it-2 ta' Diċembru 2020 fil-kawża fl-ismijiet *l-Pulizija (Spettur Michael Vella) vs. Patrick Cassar* kif ukoll qed tirrevoka l-ħelsien mill-arrest mgħoti permezz tal-istess Digriet hawn fuq imsemmi u tordna ri-arrest tal-ħati.

Il-Qorti qegħda tordna komunika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali anke bil-għan li l-istess tiġi nserieta permezz ta' nota fl-atti fl-ismijiet *l-Pulizija (Spettur Michael Vella) vs. Patrick Cassar*.

Finalment din il-Qorti qed tordna ukoll li kopja eletronika tal-atti u s-sentenza jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali skond il-liġi.

**MAĠISTRAT DR. ELAINE RIZZO B.A., LL.D.**

Christine Farrugia
**Deputat Reġistratur**